# Devozzjoni Antika lejn il-Madonna tal-Ħlas

Mario Fenech



Is-Santwarju ddedikat lill-Madonna tal-Ħlas li jinsab fil-limiti ta' Ħal Qormi minn dejjem kien imfittex min-nies li kellhom devozzjoni speċjali lejn il-Madonna.

Dan is-Santwarju huwa qadim ħafna u nafu li kien inbena mill-ġdid fl-1560 bil-flus ta' Fra Kristofru Mangadion. Dan l-istess Mangadion ħa ħsieb jibni dar biswitha biex fiha jkun jista' jgħix il-qassis li jkun qiegħed jaqdi d-doveri spiritwali tan-nies tal-inħawi.

Fis-sena 1690 il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid fuq il-pjanta tal-Arkitett Wenzu Gafà.

Fuq kull naħa taz-zuntier tal-knisja ġew mibnija



TALBA
LIL BEATA VERGNI TAL HLAS
LI TINSAB IVVENERATA
FIS-SANTUARIU LI HEMM FIL-LIMITI TA HAL KORMI
Biex tatina Hlas felici
u xi grazzi oħra l'icollna bżonn.

O Verġni Santissima, Omm ghaziza ta Sidna Gesù Cristu, li ghal kalb tajba u l'obbidienza perfetta tighec ghoġbu jincarna fil ġuf purissimu tighec, inti o Maria Omm ħanina u tezor ta l'acbar grazzi, tini nitolboc il grazzi li jena ghandi bzon iekaf mighi f'gieh dac il mument li cont ghadec moghbbija bit-tokol ta Sidna Gesù Cristu,

O Maria Santissima omm ghaziza u ta poter mil-l'actar cbir; jen lejc irrid nirricorri, u min ghandec biss nittama qualunque grazzia, inti o Maria li uakaft ma bosta nies li chienu fl'ahhar ta hajjithom iekaf mighi ucoll issa nitolboc, u tini il grazia li jena ghandi bzonn f'gieħ dac il ferħ li inti fraħt meta gibt il Gesù fid-dinja u rajtu għall'euuel darba geuua ħdanec, zommni o Maria dejjem taħt il kauui Patrociniu tighec biex nghix ħajja kaddisa, u nirbaħ ittentazionijet li joħduha contra tighi; hecc icun.

*Salve Regina*

Nihil obstat. Die 1 Septembris 1910, Aloisius Can. Farrugia Cens. Theol.

loġoġ biex dawk li kienu jmorru jżuru l-knisja mill-bogħod kien ikollhom fejn jistrieħu għal ftit tal-ħin qabel jibdew triqithom lura lejn id-dar.

Kienu bosta dawk li rrikorrew lejn il-Madonna biex tħarishom waqt il-ħin tal-ħlas. Ħafna kienu jmorru jirringrazzjaw lill-Madonna wara kull ħlas li kien jgħaddi b'wiċċ il-ġid.

Għalkemm lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin ftit kienu dawk li kellhom xi tip ta' skola xorta waħda kienet titqassam din it-talba li kopja tagħha qiegħed nippubblika ma' dan l-Artiklu.

Fil-parti ta' fuq ta' din it-talba hemm xbieha tal-Madonna bil-Bambin bilwieqfa fuq dinja, filwaqt li qiegħda tirfes is-serp taħt riġlejHa.

It-titlu taħt din ix-xbieha tal-Madonna huwa "Talba lill-Beata Verġni tal-Ħlas" u hemm miktub ukoll "li tinsab ivvenerata fis-Santwarju li hemm fil-limiti ta' Ħal Qormi.

L-intenzjoni ta' din it-talba hija "Biex tatina Ħlas feliċi u xi Grazzja oħra l'icollna bżonn".

Kif wieħed jista' jinnota din hija miktuba bil-Malti Antik, u ħafna mill-kliem ta' din it-talba huwa miktub kif jinħass.

Interessanti l-fatt li għal dak iż-żmien ma kinitx ħaġa faċli li wieħed isib min jagħmel dan ix-xogħol ta' stampar, u għalhekk l-importanza ta' din it-talba u t-tqassim tagħha lin-nies jidher iktar importanti.

Kien ħa ħsieb li ssir din it-talba lill-Madonna tal-Ħlas, il-Kan. Aloisius Farrugia nhar l-Ewwel ta' Settembru 1910.

Dan is-Santwarju għadu sal-lum imfittex min-nies li jersqu lejn il-Madonna bit-talb tagħhom biex din tħarishom mit-tiġrib tal-ħajja u biex ukoll jirringrazzjawHa tal-grazzji maqlugħa.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Nota: L-artiklu qed jidher ippubblikat kif kitbu l-awtur.